DI MALTA TAJJEB LI TKUN TAF

Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

DIĊEMBRU, 1959 Nru. 9/59

# L-ILMA U L-AKWEDOTTI



MALTA bħala Gżira żgħira, bla muntanji u għoljiet, bla xmajjar u għadajjar, dejjem kellha problema kbir għall-ilma. Jekk naqtgħu biss iż-żmien l-aktar bikri meta n-nies kienu jingħaddu bi ftit mijiet, Gżiritna kienet imbeżża' min-nixfiet ta' snin neqsin mix-xita. Għalhekk ix-xita kienet dejjem mistennija u għażiża għal dan il-poplu.

In-nuqqas ta' ilma aktar beda' jinħass mal-kobor tal-popolazzjoni u għall-ħabta ta' l-1530, meta ġew il-Kavalieri f'Malta, l-irħieb ta' San Ġwann ma kienu xejn kuntenti bil-qagħda ta' l-ilma għal popolazzjoni ta' dwar 15,000 ruħ. Infatti l-Kummissjoni ta' 8 Kavalieri, li kienu ġew Malta qabel ma ħaduha f'idejhom, innutaw li l-Gżira ma kellha "la xmara u anqas fawwara, u fil-parti l-kbira l-anqas ilma ħelu, barra ilma tax-xita miġbur f'tankijiet u ġwiebi u xi ftit bjar aktarx b'ilma salmastru." Dawn it-tmien Kavalieri ma qagħdux jiflu l-fwawar tal-fuqqani tal-Gżira, imma raw biss l-egħjun tal-Marsa u tal-Birgu.

Mal-miġja tal-Kavalieri, Malta ħadet is-sura ta' fortizza importanti fil-Mediterran. Ebda fortizza ma tista' żżomm bla ilma; żid ukoll il-popolazzjoni dejjem tikber; l-ilma bix-xaba' li kellhom il-kavalieri f'pajjiżhom, bħal Franza, Italja, Spanja, eċċ., u għalhekk l-Ordni ta' San Ġwann ħaseb biex itejjeb is-sitwazzjoni ta' l-ilma.

Qabel il-bini tal-Belt Valletta, ħafna mill-ilma kien jinġarr għall-Birgu mill-Marsa mill-ilsiera, u billi dawn l-affarijiet ma setgħux jibqgħu sejrin, il-Granmastru Garzes fl-1596 talab il-parir ta' Patri Giacomo, espert ta' l-ilma ta' dak iż-żmien. Fid-19 ta' Ottubru, 1596, il-Kunsill qata' li l-Belt il-Ġdida kellha tkun fornuta bl-ilma tal-għoljiet tal-punent tal-Gżira.

Il-proġett ma seħħx imħabba n-nuqqas ta' flus u billi s-snin 1608-9 kienu tassew nixfin, il-Kunsill fl-1610 iddeċieda li jibda' l-proġett ta' 14-il sena qabel. Ittieħdu 40,000 skud mill-qligħ tal-qmugħ u ta' l-ifran. Dawn ma kenux biżżejjed u l-Granmastru Alofju Wignacourt wiegħed li joħroġ il-kumplament minn butu.

Intgħażlu l-fwawar ta' Djar Handul fuq it-tramuntana ta' Had-Dingli; dawn ġew magħqudin b'mina ta' 260 jarda ma' ta' Hofret ir-Rizz. L-ilma tat-tnejn ġibduh lejn il-Fiddien għal ġo tank fil-ġnien imsejjaħ ta' l-Estirjoli. L-egħjun ta' Klieb, Qajjed, Bużigrilla, u n-nixxigħat tal-Borġ ta' l-Imtarfa u ta' Miġra ta' Misraħ Musa, u tal-Buskett, intefgħu wkoll ma' ta' qabel. Wara ftit l-ilma ta' Bużigrilla ġie maqtugħ minħabba t-tartru li kien iħalli.

L-ewwel medda ta' l-akwedott minn Djar Handul għan-naħa tal-Lvant kienet tgħodd 1,229 qasba; minn hawn gandotti tal-ġebel għat-tul ta' 2,704 kienu jaslu sa' l-inħawi ta' H'Attard. Billi qrib dan ir-raħal l-art titbaxxa xi 80 f'daqqa, Patri Natale Tomasucci S.J., il-mexxej tax-xogħol, qata' qalbu minn dan is-saram u telaq lejn Messina, pajjiżu. L-imgħallmin ta' taħtu, Andrea ta' Trapani, Giuseppe ta' Palermo, u l-Malti Ġanni Attard, bnew l-arkati minn H'Attard sat-Turretta ta' San Ġużepp, proġett li qatt ma kien għadda minn moħħ Tomasucci: dan ġie approvat mill-mexxej il-ġdid, il-Bolonìż, Bontadino de Bontadini.

'Il-fuq minn H'Attard l-ilma jaqbad l-arkati għal 208 qasba; wara jinżel taħt l-art għal 185 qasba u jitla' mill-ġdid fuq l-arkati sakemm fl-aħħar jasal ħdejn it-turretta ta' San Ġużepp, il-Hamrun. Minn hawn kien jintrefa' f'tank fuq it-tumbata tas-Samra, jibqa' sejjer sat-Torri tal-Furjana u fl-aħħar il-Palazz tal-Granmastru. It-tul sħiħ minn Djar Handul għall-Palazz hu ta' 7478 qasba jew dwar 29,000 jarda.

Fil-21 ta' April 1615 l-ilma beda' jfawwar mill-għajn il-kbira ta' quddiem il-palazz fost il-ferħ tal-Granmastru Alofju Wignacourt, kavalieri, kleru u poplu. Fl-antik l-akwedott ta' Wignacourt kien jagħti 345 gallun fil-minuta.

Wara ħabta ta' 230 sena, fi żmien il-Gvernatur Sir H.F. Bouverie ġie proġettat l-akwedott tal-Fawwara, jew ta' Bouverie biex iwassal l-ilma mill-għoljiet tal-Fawwara għax-xaqliba ta' l-Imqabba, Luqa, Tarxien, Raħal Ġdid, Bormla, l-Isla u l-Birgu. Dan l-akwedott tlesta fl-1845 taħt il-Gvernatur Sir Patrick Stuart. L-ilma ta' dan l-akwedott ittieħed mill-fwawar ta' San Ġorġ, tal-Karmnu jew tal-Fawwara u tal-Lunzjata, li kienu jagħtu fil-bidu 30, 18 u 15 il-gallun kull waħda fil-minuta. It-tul ta'-akwedott Bouverie kien bejn wieħed u ieħor daqs ta' Wignacourt; bħalu wkoll kien jibda' fl-għoli (ħabta ta' 600 pied ogħla mill-baħar) min-naħa tal-baħar ta' Ġebel Ciantar u biex jintrefa,' fejn l-art kienet baxxa, kellhom isiru arkaturi 'l fuq mis-Siġġiewi. L-ilma kien jiftaħ f'tank fil-Fgura u minn hemm għat-tank il-qadim ta' Gasal, qrib Żejtun Gate fil-fortifikazzjonijiet tal-Kottonera, mnejn l-ilma kien jasal Bormla minn mina taħt l-art.

Għal ftit taż-żmien Malta kienet moqdija bl-ilmijiet ta' l-akwedott ta' Wignacourt u l-akwedott Bouverie, iżda ż-żieda fil-popolazzjoni u l-ħtieġa akbar ta' ilma, ġiegħel lill-Gvern ta' madwar mitt sena ilu biex jiftaħ ix-xogħol ta' tħaffir fil-Main Lower Table. L-ewwel spiera li tħaffret kienet dik ta' l-Armier, Qormi, fis-sena 1856. Minn hawn bdiet it-taqbida għal aktar ilma, bdew jinġiebu l-esperti, sar studju bir-reqqa tal-ġeoloġija in relazzjoni mas-sejbin tal-ilma; twaqqfu l-pumping stations, l-ilma żdied, imma mhux bl-istess proporzjon tal-popolazzjoni. Għalhekk it-taqbida għall-ilma ma ntemmitx u l-Gvernijiet dejjem baqgħu jagħmlu minn kollox biex il-provvista ta' l-ilma titjieb u tiżdied.